16 ta' Jannar, 1956

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

**Joseph L. Pace *versus* John Lewis et.**

## Lokazzjoni — Board tal-Kera — Emigrazzjoni — Domiċilju — Residenza — Mara — Appell — Interess — Dar Konjugali— Art. 234 tal-Kap. 15

*Il-mara ta' l-inkwilin assenti minn Malta għandha nteress li tappella minn sentenza tal-Board tal-Kera li tkun ordnat kontra żewġha msiefer l-iżgumbrament tiegħu mid-dar konjugali, li hija tkun qegħedha tokkupa fl-assenza tiegħu. Liema appell hija tista' tagħmlu f'isimha proprju.*

*Huwa veru li min isiefer bħala emigrant imur fil-pajjiż fejn jemigra biex jibqa' hemm permanentement jew għal żmien twil, u illi mhux preżumbbli li jżomm post hawn Malta biex imur joqgħod fih jekk u meta jerġa' lura; imma dan mhux applikabbli għall-każ ta' dar konjugali abitata minn mart emigrant li għadha ma ddeċedietx jekk tistabbilixxix ruħha barra minn Malta jew le.*

*F'każ simili mhux aċċettabbli l-argument li, għax l-inkwilin emigra, ma għandux aktar dritt għall-konduzzjoni tal-post, u martu, bħala li hi obligata ssegwih, hi għalhekk intruża fil-fond. Din mhix kwistjoni ta' domiċilju, volontarju jew neċessarju, imma ta' residenza fis-sens materjali tal-kelma.*

*B'mod li, jekk ir-raġel jemigra waħdu, sija pure "animo non redeundi", u jħalli lill-martu fid-dar konjugali li tagħha hu l-inkwilin, is-sid ma għandux dritt jikkunsidra l-lokazzjoni terminata u joħroġ mill-fond lill-mara u l-familja ta' dak l-emigrant.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' Joseph L. Pace quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, li biħ talab li jerġa' jieħu taħt idejh il-fond 136/138 St. Paul's Street, San Pawl il-Baħar, li hu mikri lil John Lewis, il-lum assenti, u dan għaliex il-post jinsab vojt u r-rikorrenti jridu għall-villeġġjatura tiegħu u tal-familja;

Rat is-sentenza tal-Board tat-12 ta' Settembru 1955, li biha ddeċieda billi laqa' t-talba tar-rikorrenti, u għall-fini tal-iżgumbrament ipprefiġġa lill-intimata nomine xahar millum; u ordna illi l-ispejjeż, in vista tal-fattispeċje tal-każ, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet; wara li kkunsidra;

Illi mill-istess depożizzjoni ta' Marion Lewis irriżulta li żewġha ilu li siefer xi sena u xahrejn ilu għall-Ingilterra, fejn sab ix-xogħol, u fejn għadu joqgħod sal-lum. Dina Marion Lewis xehdet ukoll li hija segwietu flimkien ma' żewġ uliedha xebbiet xi erbgħa xhur wara, biex, kif tgħid hija, tikkura l-marda li kellha u li għadha affetta minnha. Ma hemmx dubju li tant l-omm kemm uliedha telqu minn Malta bħala emigranti, u li uliedha għal xi żmien meta kienu l-Ingilterra mpjegaw ruħhom;

Illi l-istess Marion Lewis xehdet li qabel ma siefret tkellmet ma' mart ir-rikorrenti, u għarrfitha li sejra għall-kura, u dina weġbitha li sa sena setgħet iżżomm id-dar. Iżda Ester Pace, mart ir-rikorrenti, ċaħdet dan id-diskors, u żiedet tgħid li Marion Lewis, meta qaltilha li sejra ssiefer, talbitha l-permess biex tissulloka l-post;

Illi mill-kumpless attendibbli tal-provi jidher li verament il-mara tal-intimat, għalkemm ipprofittat ruħha mill-preżenza ta' żewġha fl-Ingilterra biex tmur hemm u tagħmel il-kura li kellha bżonn, ma riedetx tistabbilixxi ruħha definittivament fl-Ingilterra, u għalhekk xtaqet iżżomm il-post ta' San Pawl il-Baħar għaliha. Ma kienx il-Professur Ganado, jew xi tabib ieħor, li kkonsultaha tmur għall-kura barra minn Malta; iżda meta qaltilhom li kellha okkażjoni tmur l-Ingilterra u tagħmel il-kura fi sptar ta' hemm, huma, għal raġunijiet evidenti, ma ostakolawx, anzi komplew ma' dik il-proposta;

Illi r-rikorrenti u martu jaqblu li mart l-intimat qaltilhom li żewġha jridha miegħu, iżda hija ma kienetx deċiża x'tagħmel; u din iċ-ċirkustanza, oltre dak li ġie fuq rilevat, tkompli turi l-intenzjoni tal-intimat John Lewis li jistabbilixxi r-residenza tiegħu abitwali fl-Ingilterra;

Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħha Marion Lewis għamlet enfasi fuq il-fatt li hija ma tistax tiġi kunsidrata bħala emigranta, u li kwindi, la hija ma kellha qatt il-

ħsieb li titlaq il-post, it-talba odjerna ma tistax tiġi milqugħa. Iżda, kif sewwa rrileva r-rikorrenti fin-nota responsiva tiegħu, dan il-Board għandu jeżamina l-fatti relattivament biss għall-inkwilin John Lewis; u dak li għamlet martu biex iżżomm il-post, aktar u aktar meta, kif fuq intqal, irriżulta li żewġha riedha miegħu, ma għandu ebda importanza għas-soluzzjoni tal-kawża preżenti;

Illi fl-imsemmija nota l-intimata nomine rrilevat is-sinifikat legali tad-domiċilju, li miegħu dan il-Board ma jistax ma jaqbelx. Huwa prinċipju aċċettat in materja li bħala regola l-emigrant iżomm il-ħsieb li jerġa' jmur f'daru, u mhux li jibqa' msiefer għal dejjem; u għalhekk huwa jikkonserva d-domiċilju tiegħu tal-oriġini (P.A. "Camenzuli utrinque", 31 ta' Lulju, 1942, Vol. XXXI-I-71), u li l-mara miżżewġa għandha d-domiċilju legali tar-raġel tagħha (P.A. "Spiteri vs. Borg et.", 17 ta' Marzu, 1939, Vol. XXX-II-226);

Illi, però, għal każi bħal dan preżenti jipprevali l-prinċipju l-ieħor, li min jemigra jmur biex joqgħod fil-post ta' barra permanentement jew għal żmien twil, u mhux preżumibbli li jżomm post hawn Malta biex imur joqgħod fiħ jekk u meta jerġa lura. U fis-sentenza in re "Degiorgio vs. Baldacchino", mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina (26 ta' Mejju 1952, Vol. XXXVI-I-119) intqal: — "Hu aċċettat minn awturi ta' Dritt Internazzjonali Privat li l-fatt li min iħalli pajjiżu jkollu intenzjoni li fil-futur, f'data indefinita, jista' jkun li jerġa jirritorna, ma hux biżżejjed biex jeskludi l-"animus manendi" jew "non redeundi";

Illi l-Board, mill-provi li saru, huwa sodisfatt li l-inkwilin John Lewis siefer sabiex jistabbilixxi ruħu definittivament fl-Ingilterra; u għalhekk, fuq l-iskorta tal-prinċipji esposti, indipendentement minn xi ħsieb li f'xi data futura jerġa lura f'Malta, u minn dak li għamlet martu biex iżżomm f'idejha l-fond in kwistjoni, il-lokatur għandu l-jedd jitlob lura l-istess fond;

Illi l-intimata nomine ssottomettiet li l-ewwel kawżali dedotta fir-rikors ma tistax triegi, għaliex il-post il-lum jinsab okkupat. Dan ir-riljev huwa bla ebda bażi, peress

li, kif deher mill-provi, u kif tammetti l-istess intimata, il-fond kien battal meta bdew il-proċeduri; u huwa dak il-mument li għandu jittieħed in konsiderazzjoni, għax altrimenti l-pożizzjoni tal-partijiet tista' tiġi alterata b'xi fatt kreat apposta minnhom. Huwa tajjeb jiġi hawn osservat li, meta ġie preżentat ir-rikors, dan kellu jiġi notifikat lil bint miżżewġa tal-intimat, Annie Vella, peress li allura l-istess inkwilin, martu u żewġ uliedu xebbiet, kienu kollha jinsabu fl-Ingilterra;

Illi r-riljev l-ieħor tal-intimata nomine, li l-fond "de quo" qiegħed jiġi minnha użat għall-abitazzjoni, mentri r-rikorrent iridu għall-villeġġjatura, ukoll ma jistħoqqlu ebda konsiderazzjoni; infatti l-kwistjoni ma tirrigwardax il-"hardship" rispettiv tal-partijiet — f'liema każ ċertament l-abitazzjoni kienet tkun preferita għal sempliċi villeġġjatura — iżda biss jekk l-inkwilin telaqx jew le l-lokazzjoni tal-fond u ħallieħx battal. Tant hu hekk, li fil-kawża fuq ċitata "Degiorgio vs. Baldacchino" ġiet akkolta talba għar-ripreża ta' fond kummerċjali, li normalment is-sid ma jistax jieħu lura anki jekk iridu għall-użu proprju;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, u peress li r-rikorrenti xehed li l-post iridu għall-użu tiegħu, ma hemmx raġuni għaliex it-talba tiegħu għandha tiġi respinta;

Rat fil-fol. 46 il-petizzjoni li biha Marion Lewis appellat mis-sentenza fuq imsemmija, u talbet li tiġi revokata u li l-attur jiġi miċħud mit-talba;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Is-sentenza issa appellata ġiet mogħtija kontra John Lewis (kif rappreżentat, għax assenti). L-appell qiegħed isir minn terza persuna, ċjoè minn martu, taħt l-art. 234 Kap. 15, f'isimha, bħala li għandha nteress. Ma jistax ikun hemm dubju li hija għandha nteress; għaliex qegħedha tokkupa l-fond li minnu, bis-sentenza denunċjata, qiegħed jiġi ordnat l-iżgumbrament, u l-fond kien id-dar konjugali;

Il-Board, fis-sentenza tiegħu, applika senz'altro dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti in re "Degiorgio vs. Baldacchino" (Vol. XXXVI-I-117), fis-sens li"...... min isiefer għall-Awstralja jmur biex joqgħod hemm permanentement

jew għal żmien twil, u mhux preżumibbli li jżomm post hawn Malta biex imur joqgħod fih jekk u meta jerġa lura";

Dak il-każ, però, kien "toto caelo" divers minn dan. Infatti, fil-każ citat il-Qorti ma setgħetx ħlief tieqaf hemm, għaliex si trattava ta' ġuvni li kellu ħanut in kondutizzjoni, li emigra l-Awstralja, u li qabel ma mar ipprova jċedi l-ħanut. F'dan il-każ, invece, si tratta ta' dar konjugali, abitata minn mart emigrat, li għadha ma ddeċedietx jekk tistabbilixxix ruħha barra minn Malta jew le. Kien għalhekk dmir tal-Board li jeżamina x'influss kellha din id-differenza fil-fattispeċje fuq l-aspett ġuridiku tal-każ;

Il-fatti ta' dan il-każ huma, fil-qosor, dawn. Żewġ l-appellanti, li kien inkwilin ta' din id-dar, fejn kien joqgħod mal-appellanti u l-familja, emigra għall-Ingilterra f'xi Lulju jew Awissu tal-1954 (ara xhieda appellanti fol. 7). Il-lokazzjoni tal-fond baqgħet miexja, almenu sal-21 ta' Jannar 1955, meta ġiet imqegħdha in diskussjoni bit-talba tar-ripreża tal-fond, fol. 1, quddiem il-Board. L-inkwilin ma rrinunzja qatt għall-inkwilinat, u ma ċeda lil ħadd id-drittijiet tiegħu. Meta siefer ħalla lill-appellanti martu fil-fond, bħala d-dar konjugali. L-appellanti marret għal xi żmien l-Ingilterra għal skop ta' kura, għalkemm marret taħt l-"Assisted Passage Scheme"; mbagħad ġiet lura, ġo din id-dar;

It-teżi tal-attur appellat hija, in sostanza, din: — John Lewis emigra, kwindi ma għandux dritt aktar għall-kondutizzjoni tal-post; u martu, li hija obligata ssegwieh, hija għalhekk intruża fil-fond;

Għandu jiġi premess illi l-kwistjoni odjerna ma tistax tiġi mpernjata "sic et simpliciter" fuq il-pont tad-domiċilju, fis-sens li għandha din il-kelma fid-Dritt Internazzjonali Privat. Anki jekk wieħed kellu jgħid li John Lewis biddel id-domiċilju tiegħu, anki kieku wieħed kellu jsegwi r-regola assoluta tad-Dritt Ingliż li l-mara miżżewġa ma jistax ikollha domiċilju ieħor f'ebda każ, u bilfors għandha bħala 'domicilium necessarium" dak ta' żewġha (regola mitigata fid-Dritt Kontinentali — ara Martin Wolff, Private International Law, 1950 edit. p. 122), b'dan kollu tibqa' dejjem il-kwistjoni jekk (kif spiss jiġri), meta r-raġel jemigra waħdu, sija

pure "animo non redeundi", u jħalli lill-martu fid-dar konjugali, li tagħha hu l-inkwilin, għandux is-sid id-dritt li jikkunsidra terminata dik il-lokazzjoni u joħroġ mill-fond lillmart u lill-familja tal-emigrant. Din hi kwistjoni ta' "residenza" fis-sens materjali, u xejn affattu ta' domiċilju legali, volontarju jew neċessarju;

Issa, skond il-liġi, ir-raġel għandu, "inter alia", jipprovdi lill-martu b'dar tal-abitazzjoni. F'dan il-każ id-dar talabitazzjoni hekk provvduta kienet il-fond "de quo", li kien għalhekk id-dar konjugali. Bl-emigrazzjoni tar-raġel, dan l-obligu, sakemm ir-raġel għal xi motivi legali ma jiġix liberat minnu, jibqa' sħieħ. Għalhekk John Lewis, meta emigra, baqa' l-istess fl-obligu li jħalli lill-martu l-abitazzjoni fiddar konjugali; u dina qegħedha hemm mhux bħala subinkwilina, jew bħala ċessjonarja, jew bħala intruża, imma in forza tad-drittijiet tagħha ta' mara miżżewġa, intitolata għall-abitazzjoni fil-fond provvdut lilha bħala dar konjugali minn żewġha u mikri lilu. Konsegwentement ma jistax jingħad, fil-fattispeċje, li meta John Lewis emigra itterminat il-lokazzjoni; u għandu, minflok, jingħad li John Lewis ried, u kien obligat, jikkontinwa dik il-konduzzjoni għal martu u permezz tagħha, bħala preżunta mandatarja tiegħu. L-inkwilinat ta' John Lewis, għalhekk, ikkontinwa di fronti għall-istess John Lewis permezz tal-okkupazzjoni materjali tal-fond minn martu — ta' dak il-fond li hu d-dar konjugali;

Jista' jiżdied li fl-Ingilterra, fejn hemm ukoll ir-Rents Act, ġiet sanċita (f'każijiet analogi) l-istess soluzzjoni; u qal tajjeb il-Master of the Rolls, in "Middleton vs. Baldock" (1950) All E.R. 708-714, illi: "The wife has a very special position in the matrimonial home. She is not the sub-tenant or the licencee of the husband. It is his duty to provide a roof over her head". U kompla jgħid li sid il-kera ma għandu l-ebda dritt li jiżgombra lill-mara f'ċirkustanzi simili. U qabel, Lord Greene, in "Brown vs Duper" (1944), All E.R. 246, kien qal: "The landlord could not recover the house from the wife, because the husband still possessed it through her. Her possession was his possession .........";

Ma jistax ċertament jingħad li dak il-pussess ġie diskontinwat għax l-appellanti għal xi żmien marret l-Ingilterra. Kif ingħad, hi marret għal skop ta' kura, u ma hemmx kwistjoni ta' akkwist ta' domiċilju ġdid, u kwindi ta' abbandun tad-domiċilju attwali, bil-post tar-residenza ta' ġo fih, meta hemm iċ-ċirkustanza tal-mard (ara Cheshire, 2nd. edition, Private International Law, p. 176);

Għalhekk John Lewis għandu jitqies li għadu l-inkwilin tal-fond "de quo", u bejn l-attur, li jrid il-post, "ex admissis", għal villeġġjatura, u John Lewis, li fil-post qiegħed jipprovdi lill-martu bl-abitazzjoni, għandu jiġi preferut id-dritt ta' John Lewis, u ma hemmx lok għall-iżgumbrament tiegħu;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell ta' Marion Lewis, tirrevoka s-sentenza tal-Board fuq imsemmija, u tiċħad it-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur.